A.L. 125 ta' l-1992

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI (KAP. 117)

Regolamenti ta' l-1992 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1992 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.l. 21 ta' l-1992.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra — " għandhom jidħlu l-kliem:

"F'dawn ir-regolamenti, u f'kull Ordni li jsir bis-saħħa tagħhom, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"valur C.I.F." tfisser u għandha titqies li dejjem fissret il-valur C.I.F. f'liri Maltija stabbilit għal finijiet ta' Dwana jew għal finijiet ta' dazju ta' importazzjoni;".